VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,581, 26 ta' Mejju, 2016*
*Taqsima B*

**A.L. 199 tal-2016**

## ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
## (KAP. 327)

### L-Ordinamenti tal-2016 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Laws - LL.M. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Liġi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

**It-Titlu**

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2016 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Laws - LL.M., u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, għall-Grad ta' Master of Laws - LL.M. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi, ippubblikati bħala Avviż Legali 77 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

**L-Applikabilità**

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2016 jew wara.

**L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali**

3. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) F'dawn l-ordinamenti, sakemm il-kuntest ma jirrikjedix mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Liġi;

VERŻJONI ELETTRONIKA



"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Laws - LL.M.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Laws - LL.M.;

"il-Postgraduate Certificate" tfisser il-Postgraduate Certificate fil-qasam ta' studju relevanti – P.G. Cert.;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma fil-qasam ta' studju relevanti – P.G. Dip.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad."

**Iż-żieda tal-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali**

4. L-ordinament 9 li ġej għandu jiżdied wara l-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali:

"9. L-istudenti li jiksbu 30 krettu ECTS assenjati għal xi taqsima studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li jkunu komplew ma jkunux spiċċaw il-Kors b'suċċess, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Certificate."

**In-numerazzjoni mill-ġdid tal-ordinamenti 9 sa 17 tal-ordinamenti prinċipali**

5. L-ordinamenti 9 sa 17 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-ordinamenti 10 sa 18.